A.L. 5 ta' l-2009

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI

(KAP. 12)

Regolamenti ta' l-2009 dwar Żmien li għandu jdum għaddej Bejgħ b'Irkant fil-Qorti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 323 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), il-Ministru tal-Ġustizzja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti ta' l-2009 dwar Żmien li għandu jdum għaddej Bejgħ b'Irkant fil-Qorti.

Bidu ta' l-irkant.

2. L-irkant għandu jibda' fil-ħin stabbilit mill-Qorti u jibqa' għaddej sakemm tiġi aġġudikata l-ogħla offerta pubblika.

Bejgħ ta' iżjed minn ħaġa waħda.

3. Fl-istess ħin, jista' jsir irkant ta' iżjed minn ħaġa waħda, kull ħaġa għaliha, waħda wara l-oħra.